REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/519

tat-28 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 22 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([2]) ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB - International Accounting Standards Board) ħareġ Interpretazzjoni 22 *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem* tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS - International Accounting Standards Board). L-Interpretazzjoni tikkjarifika l-kontabbiltà għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-irċevuta jew il-ħlas ta' korrispettiv bil-quddiem f'munità barranija.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (European Financial Reporting Advisory Group - EFRAG) tikkonferma li l-Interpretazzjoni IFRS 22 tissodisfa l-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(4) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008, l-Interpretazzjoni IFRS 22 *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem* għandha tiddaħħal kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data ta' bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara.

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Interpretazzjoni 22 tal-IFRIC

Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem

REFERENZI

— Il-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtar Finanzjarju

— IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*

— IAS 21 *L-Effetti tat-Tibdil fir-Rati tal-Kambju*

SFOND

1. Il-paragrafu 21 tal-IAS 21 *L-Effetti tat-Tibdil fir-Rati tal-Kambju* jeħtieġ li entità tirreġistra tranżazzjoni f'munita barranija, mar-rikonoxximent inizjali fil-munita funzjonali tagħha, billi tapplika għall-ammont f'munita barranija r-rata tal-kambju spot bejn il-munita funzjonali u l-munita barranija (ir-rata tal-kambju) fid-data tat-tranżazzjoni. Il-paragrafu 22 tal-IAS 21 jiddikjara li d-data tat-tranżazzjoni hija d-data li fiha t-tranżazzjoni tikkwalifika l-ewwel għal rikonoxximent skont l-Istandards tal-IFRS (Standards).

2. Jekk entità tħallas jew tirċievi korrispettiv bil-quddiem f'munita barranija, hija ġeneralment tirrikonoxxi obbligazzjoni ta' assi mhux monetarju jew responsabbiltà mhux monetarja ([1]) qabel ir-rikonoxximent tal-assi, nefqa jew introjtu relatat. L-assi, in-nefqa jew l-introjtu (jew parti minnu) relatat huwa l-ammont rikonoxxut li japplika l-Istandards rilevanti, li jirriżulta fid-dekontabilizzar tal-assi mhux monetarju jew ir-responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta mill-korrispettiv bil-quddiem.

3. Il-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS (il-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet) inizjalment irċieva mistoqsija li tistaqsi kif għandha tiġi determinata "d-data tat-tranżazzjoni" li tapplika l-paragrafi 21–22 tal-IAS 21 meta jiġi rikonoxxut id-dħul. Il-mistoqsija indirizzat b'mod speċifiku ċirkustanzi li fihom entità tirrikonoxxi responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta mill-irċevuta ta' korrispettiv bil-quddiem qabel ma tirrikonoxxi d-dħul relatat. Meta ddiskuta l-kwistjoni, il-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet innota li l-irċevuta jew il-pagament bil-quddiem ta' korrispettiv f'munita barranija mhuwiex ristrett għal tranżazzjonijiet ta' dħul. Għaldaqstant, il-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet iddeċieda li jiċċara d-data tat-tranżazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rata tal-kambju għal użu fuq rikonoxximent inizjali tal-assi, nefqa jew introjtu relatat meta entità tkun irċeviet jew ħallset korrispettiv bil-quddiem f'munita barranija.

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

4. Din l-Interpretazzjoni tapplika għal tranżazzjoni f'munita barranija (jew parti minnha) meta entità tirrikonoxxi assi mhux monetarju jew responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta mill-pagament jew l-irċevuta ta' korrispettiv bil-quddiem qabel l-entità tirrikonoxxi l-assi, in-nefqa jew l-introjtu relatat (jew parti minnu).

5. Din l-Interpretazzjoni ma tapplikax meta entità tkejjel l-assi, in-nefqa jew l-introjtu relatat fuq rikonoxximent inizjali:

   (a) b'valur ġust; jew

   (b) bil-valur ġust tal-korrispettiv imħallas jew riċevut f'data aktar tard minn dik tar-rikonoxximent inizjali tal-assi mhux monetarju jew ir-responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta minn korrispettiv bil-quddiem (pereżempju, il-kejl ta' avvjament li japplika *Kombinamenti ta' Negozji* tal-IFRS 3).

6. Entità mhijiex meħtieġa li tapplika din l-Interpretazzjoni fuq:

   (a) taxxi fuq l-introjtu; jew

   (b) kuntratti tal-assigurazzjoni (li jinkludu kuntratti ta' riassigurazzjoni) li toħroġ hi jew kuntratti ta' riassigurazzjoni li żżomm.

([1]) Pereżempju, il-paragrafu 106 ta' IFRS 15 *Dħul minn Kuntratti ma' Klijenti* jeħtieġ li jekk klijent iħallas korrispettiv, jew entità jkollha dritt għal ammont ta' korrispettiv li huwa inkundizzjonat (jiġifieri riċevibbli), qabel ma l-entità tittrasferixxi oġġett jew servizz lill-klijent, l-entità għandha tippreżenta l-kuntratt bħala responsabbiltà tal-kuntratt meta jsir il-pagament jew meta l-pagament ikun dovut (skont liema jiġi l-ewwel).

ĦRUĠ

7. Din l-Interpretazzjoni tindirizza kif għandha tiġi determinata d-data tat-tranżazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rata tal-kambju għal użu fuq rikonoxximent inizjali tal-assi, in-nefqa jew l-introjtu relatat (jew parti minnu) dwar id-dekontabilizzar ta' assi mhux monetarju jew responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta mill-pagament jew mill-irċevuta ta' korrispettiv bil-quddiem f'munita barranija.

KUNSENS

8. Bl-applikazzjoni tal-paragrafi 21-22 tal-IAS 21, id-data tat-tranżazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rata tal-kambju għal użu fuq rikonoxximent inizjali tal-assi, in-nefqa jew l-introjtu relatat (jew parti minnu) hija d-data li fiha entità tirrikonoxxi inizjalment l-assi mhux monetarju jew ir-responsabbiltà mhux monetarja li tirriżulta mill-pagament jew mill-irċevuta ta' korrispettiv bil-quddiem.

9. Jekk hemm diversi pagamenti jew irċevuti bil-quddiem, l-entità għandha tiddetermina data tat-tranżazzjoni għal kull pagament jew irċevuta ta' korrispettiv bil-quddiem.

Appendiċi A

Data u tranżizzjoni effettiva

Dan l-Appendiċi huwa parti integrali mill-IFRIC 22 u għandu l-istess awtorità ta' partijiet oħra tal-IFRIC 22.

DATA EFFETTIVA

A1 Entità għandha tapplika din l-Interpretazzjoni għall-perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara. Hija permessa applikazzjoni aktar bikrija. Jekk entità tapplika din l-Interpretazzjoni għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiżvela dak il-fatt.

TRANŻIZZJONI

A2 Mal-applikazzjoni inizjali, entità għandha tapplika din l-Interpretazzjoni jew:

(a) billi tapplika b'mod retrospettiv *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji tal-IAS 8;* jew

(b) prospettivament għall-assi, l-infiq u l-introjtu kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Interpretazzjoni rikonoxxuti inizjalment jew wara:

(i) il-bidu tal-perjodu ta' rapportar li fih l-entità tapplika għall-ewwel darba din l-Interpretazzjoni; jew

(ii) il-bidu ta' perjodu ta' rappurtar preċedenti ppreżentat bħala informazzjoni komparattiva fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-perjodu ta' rapportar li fih l-entità tapplika għall-ewwel darba din l-Interpretazzjoni.

A3 Entità li tapplika l-paragrafu A2(b) għandha, mal-applikazzjoni inizjali, tapplika l-Interpretazzjoni għal assi, infiq u introjtu rikonoxxuti inizjalment fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar jew wara fil-paragrafu A2(b)(i) jew (ii) li għalihom l-entità rrikonoxxiet assi mhux monetarji jew responsabbiltajiet mhux monetarji li jirriżultaw mill-korrispettiv bil-quddiem qabel dik id-data.

Appendiċi B

L-emenda f'dan l-Appendiċi għandha tkun applikata għal perjodi annwali ta' rapportar li jibdew fl-1 ta' Lulju 2018 jew wara. Jekk entità tapplika din l-Interpretazzjoni għal perjodu aktar bikri, din l-emenda għandha tkun applikata għal dak il-perjodu aktar bikri.

Emenda għall-IFRS 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju*

Il-paragrafu 39AC ġie miżjud.

39AC *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem* tal-IFRIC 22 żied il-paragrafu D36 u emenda l-paragrafu D1. Entità għandha tapplika dik l-emenda meta tapplika l-IFRIC 22.

Fl-Appendiċi D, huwa emendat il-paragrafu D1. Ġew miżjuda intestatura u l-paragrafu D36.

D1 Entità tista' tagħżel li tuża waħda jew aktar minn dawn l-eżenzjonijiet li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-azzjonijiet (il-paragrafi D2 u D3);

(b) …

(t) dežinjazzjoni ta' kuntratti sabiex wieħed jixtri jew ibigħ entrata mhux finanzjarja (il-paragrafu D33);

(u) dħul (il-paragrafi D34 u D35); u

(v) tranżazzjonijiet f'munita barranija u korrispettiv bil-quddiem (il-paragrafu D36).

Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem

D36 Min juża għall-ewwel darba ma għandux għalfejn japplika l-IFRIC 22 *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem* lil assi, infiq u introjtu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Interpretazzjoni inizjalment rikonoxxuti qabel id-data ta' tranżizzjoni għall-Istandards tal-IFRS.